# NIRRISPETTAW ID-DIVERSITÀ – INĦARSU L-EKWITÀ

## L-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu ta' Malta għall-2021–2030



**Verżjoni faċli biex taqra**



Dan il-fuljett jgħinek tifhem b'mod iżjed faċli u fil-qosor dak li hemm miktub fid-dokument li jismu ***Nirrispettaw id-diversità – Inħarsu l-Ekwità. L-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu ta' Malta għall-2021 – 2030.***




Biex tkun taf eżatt x'hemm miktub fid-dokument sħiħ, tista' taqrah minn fuq il-link hawn taħt:

https://bit.ly/3COzqRz

Dan il-fuljett ħadmu fuqu Lorraine Pleven u Isabel Bonello mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD).



**Persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu** tirreferi għal dawk il-persuni kollha li għandhom il-kundizzjoni ta' awtiżmu, lil min taffettwah ftit, u lil min taffettwah aktar.



**Strateġija Nazzjonali** huwa dokument b'lista ta' affarijiet li ser ikun qiegħed jagħmel il-Gvern fis-snin li ġejjin.

Din l-**Istrateġija Nazzjonali** saret biex inkunu nafu x'ser ikun qiegħed isir f'Malta fl-10 snin li ġejjin, għal persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.



Dan id-dokument huwa l-ewwel Strateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu u bdejna naħdmu fuqu mis-sena 2018.

Dan id-dokument stajna nagħmluh bl-għajnuna ta' nies li ġejjin:



- mill-qasam tal-Edukazzjoni,
- mill-qasam tas-Saħħa,
- nies li jaħdmu ma' Ministeri tal-Gvern,
- nies mill-Università u mill-Aġenzija Sapport,
- Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD)



Għamilna laqgħat man-nies li huma stess għandhom l-awtiżmu u l-familji tagħhom, biex ikollna lista ta' affarijiet li rridu naħdmu fuqhom.



Morna wkoll għal laqgħat barra minn Malta, biex nisimgħu l-opinjoni tagħhom u anke nitkellmu dwar l-esperjenzi tagħna.



F'dan id-dokument tal-Istrateġija Nazzjonali nsibu lista ta' affarijiet miktubin hawn taħt u li jridu jsiru fis-snin li ġejjin.

## 1. X'INHU L-AWTIŻMU?

Ser naħdmu flimkien biex nagħtu iktar informazzjoni dwar x'inhu l-awtiżmu.



Dan it-tagħlim ser jingħata lil persuni:

- fil-qasam tal-edukazzjoni,
- fil-qasam tas-saħħa,
- fil-qasam soċjali (tas-soċjetà),
- li jaħdmu ġol-ħwienet,
- persuni li għandhom l-awtiżmu u l-familji tagħhom,
- lill-pubbliku inġenerali.



Dan it-tagħlim ser isir billi mmorru f'dawn id-dipartimenti, nagħmlu riklami fuq il-midja soċjali u anke permezz tal-gazzetti u tat-televiżjoni.



Ser nagħmlu ċert li x-xogħol tagħna jkun qiegħed jirrappreżenta l-gruppi differenti tan-nies f'Malta, l-iktar dawk li qegħdin f'sitwazzjoni aktar diffiċli.



Ser nagħmlu ċert li persuni li għandhom l-awtiżmu, il-familji u dawk qrib tagħhom, ikunu parti mit-tagħlim li se jsir dwar l-awtiżmu.

Ser naħdmu biex dan it-tagħlim dwar l-awtiżmu jkun qiegħed jgħin biex dawn il-persuni u l-familji tagħhom ikunu aktar aċċettati u inklużi fis-soċjetà, u sabiex niġġieldu l-*bullying* u l-ideat żbaljati dwar l-awtiżmu.




Ser naħdmu biex kulħadd ikun jista' jieħu sehem f'kull attività, fil-klassi u ħarġiet, u biex it-trasport pubbliku u l-postijiet pubbliċi jkunu aċċessibbli għal kulħadd. Eżempju l-ġonna u ħwienet.



Ser ngħinu lil dawk il-persuni li għandhom problema biex jitkellmu u lill-familji tagħhom, billi:

- ngħinuhom biex isiru jafu u biex ikollhom il-flus biex jixtru u jitgħallmu jużaw apparat li jista' jgħinhom u *speech therapy*, u
- naraw ukoll li organizzazzjonijiet tal-Gvern u privati, u l-Pulizija, ikollhom it-tagħlim u l-apparat li hemm bżonn għal persuni li jkollhom bżonn dan l-apparat biex jitkellmu.

## 2. IDENTIFIKAZZJONI BIKRIJA U INTERVENTI GĦALL-AWTIŻMU



***Servizzi lil tfal żgħar għall-awtiżmu***

Ser naħdmu biex nagħmlu aħjar is-servizzi tal-Gvern u tal-privat li jingħataw lil tfal żgħar li qegħdin fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, u lill-familji tagħhom, u biex jiżdiedu dawn is-servizzi.

***Liġi dwar is-servizzi***




Ser naħdmu biex ikun hemm liġi fuq is-servizzi li jingħataw lil persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.

Ser naraw li jitwaqqfu dawk l-affarijiet u s-servizzi li ma jingħatawx kif suppost.



Ser naħdmu mal-Gvern biex meta tidħol din il-liġi, il-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u l-familji tagħhom ikollhom il-flus li għandhom bżonn biex jieħdu dawn is-servizzi.



Ser naħdmu wkoll biex ma jkunx hemm ħafna organizzazzjonijiet li jipprovdu l-istess servizzi.



Ser inkomplu nitkellmu ma' dawk li jipprovdu s-servizzi lil tfal fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, biex dawn is-servizzi jkomplu jingħataw bl-aħjar mod.

***Servizzi tas-Saħħa***



Ser inkunu qed naħdmu biex naraw li l-kura tas-saħħa li tingħata lit-tfal u liż-żgħażagħ fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, tkun addattata skont id-diżabilità u l-età.

Ser naraw ukoll li l-kura li tingħata ssir f'postijiet familjari għalihom pereżempju d-dar, l-iskola jew ix-xogħol.

***Numru ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu***



Ser inkunu qed naħdmu ma' organizzazzjonijiet tal-Gvern u mal-Uffiċċju tal-Istatistika, biex inkunu nafu kemm hawn persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.

Dan ser nagħmluh skont kif tgħid il-liġi u biex inkunu nistgħu naraw aħjar x'servizzi u għajnuna hawn bżonn.



***Dijanjosi u Servizzi għal Kulħadd***

Ser naħdmu sabiex naraw illi kulħadd ikun jista' jkollu dijanjosi ta' awtiżmu u servizzi għall-awtiżmu, jekk ikun hemm il-bżonn, mingħajr ma nħarsu lejn l-età jew il-ġeneru ta' persuna.



Dijanjosi ta' awtiżmu tfisser meta tobba u professjonisti oħra jgħidulek li int persuna fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.



Ġeneru tfisser li persuna tgħid li hi, per eżempju, mara jew raġel.

***Mediċina***



Ser inkunu qed naħdmu man-nies u ma' persuni esperti (li jkunu jafu ħafna), dwar il-mediċina li qed tingħata bħalissa lil persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u dik li tista' tingħata minflok fil-futur.



***Il-vuċi tal-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu***

Ser naħdmu biex persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, il-familja u dawk qrib tagħhom, ikunu involuti meta jsir il-pjan ta' x'għajnuna u servizzi jkun hemm bżonn għalihom, minn meta jkunu żgħar.

## 3. EDUKAZZJONI

Ser naħdmu biex l-edukazzjoni li tingħata tkun skont il-bżonn u b'mod li tinftiehem minn persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.



- Ser naraw li kull student ikompli jingħata għajnuna skont il-bżonnijiet tiegħu/tagħha biex ikompli jistudja wara l-iskola sekondarja.
- Ser naħdmu biex intejbu s-servizzi ta' għajnuna li diġà hawn fl-iskejjel bħalissa, inklużi servizzi mogħtija b'mod elettroniku (permezz ta' kompjuter u l-internet).

### *Tagħlim dwar ix-xogħol*



Ser inkunu qed naħdmu man-nies, mad-dipartiment tal-Edukazzjoni u ma' min iħaddem biex:



- naraw li persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jkollhom l-għajnuna biex jagħżlu x'tip ta' xogħol jixtiequ jagħmlu,
- naħdmu biex l-istudenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jkollhom esperjenza ta' xogħol waqt li jkunu għadhom studenti,




- ser inkunu qed nagħmlu sistema biex tgħin persuni li qegħdin fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, meta jispiċċaw mill-iskola u jiġu biex jibdew jaħdmu.

## Tagħlim lill-għalliema



Ser inkunu qed naħdmu biex jingħata tagħlim ta' spiss lill-għalliema dwar l-awtiżmu.

Ser naraw ukoll li l-istudenti kollha u l-ġenituri tagħhom ikollhom tagħlim ta' spiss dwar l-awtiżmu.

## *Tagħlim għal studenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu*




Ser naħdmu mal-Gvern u l-Edukazzjoni biex naraw li l-affarijiet ikunu magħmulin biex ikunu tajbin u jinftiehmu minn kulħadd, dak li jgħidulu 'Disinn Universali'.



Ser naħdmu wkoll biex l-istudenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jkunu qegħdin jitgħallmu fi skejjel 'mainstream' ma' studenti oħrajn, u jingħataw għajnuna u servizzi oħra kif ikun hemm bżonn.



Ser naħdmu biex l-għajnuna li jkun hemm bżonn tibda tingħata malajr lit-tfal li għandhom bżonn.

- Ser inkunu wkoll qegħdin naħdmu iktar biex tfal fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jkunu fi klassijiet mat-tfal l-oħra.
- Ser inkunu qed naraw il-programmi li qed jagħtu l-iskejjel u naraw kif jistgħu jkunu aħjar.



Ser naħdmu biex ngħinu aktar lit-tfal u studenti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu biex tkun iżjed faċli għalihom meta jimxu minn skola għal oħra.

## 4. IMPJIEG

***Ix-xogħol u persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu***



Ser naħdmu biex naraw x'inhuma l-bżonnijiet ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu fuq il-postijiet tax-xogħol, u biex niżguraw li dawn il-postijiet tax-xogħol ikunu aċċessibbli.



Ser ninfurmaw lil min iħaddem bl-affarijiet tajbin li hemm meta jimpjegaw persuna fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.

Ser nagħtu tagħlim lil min iħaddem u lill-kollegi ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, inkluż dwar kif il-bżonnijiet ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jistgħu ikunu moqdija aħjar fuq il-post tax-xogħol.




Ser naħdmu biex ikun hemm aktar persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu fl-iskemi, programmi u tagħlim għax-xogħol li jeżistu diġà, inkluż tagħlim dwar kif tagħmel *interview* għall-impjieg.

- Ser naraw ukoll li persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu li l-familji tagħhom ikunu jafu aktar b'dawn l-iskemi, programmi u tagħlim għax-xogħol.



Ser naħdmu biex inkomplu ntejbu s-servizzi li hawn bħalissa u li joffru tagħlim u għajnuna biex persuna ssib u żżomm ix-xogħol.

- Flimkien ma' min iħaddem, ser naħdmu fuq pjan ta' kif wieħed jista' jsib xogħol li l-iktar ikun adattat għall-kapaċitajiet tal-persuna, u ta' kif wieħed jista' jżomm ix-xogħol tiegħu wara.



Ser naħdmu u ngħinu kumpaniji ġodda, l-aktar dawk barranin, biex fix-xogħol tagħhom iżommu f'moħħhom il-bżonnijiet ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, u ser nippremjaw lill-kumpaniji li jagħmlu hekk.



Ser naħdmu wkoll biex l-għajnuna li tingħata biex titħallas inqas taxxa, tibda tingħata wkoll lil persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu li jaħdmu għal rashom.



Ser naħdmu ħafna wkoll biex innaqqsu l-każijiet ta' diskriminazzjoni ma' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu fuq il-postijiet tax-xogħol.

- Diskriminazzjoni tfisser meta xi ħadd iġib ruħu b'mod inqas tajjeb, pereżempju minħabba d-diżabilità.



Ser nitkellmu wkoll ma' organizzazzjonijiet li jaqbżu għal ħaddiema (trejdjunjins), biex ikunu jafu aktar dwar il-bżonnijiet ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.

## 5. ATTIVIŻMU, ATTIVIŻMU MILL-INDIVIDWI KONĊERNATI (SELF-ADVOCACY), U SENSIBILIZZAZZJONI

***Il-vuċi ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu***



Ser inkomplu naħdmu mal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu, li huwa grupp ta' persuni li jaħdmu flimkien biex isemmgħu l-vuċi ta' persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, biex:

- nagħtu l-għajnuna li hemm bżonn lil persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu biex isemmgħu leħinhom,
- juru aktar lilhom infushom,
- imexxu gruppi huma stess biex isemmgħu leħinhom.



Ser noħolqu gruppi għall-familji ta' nies fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu biex:

- nagħtu ċans lill-familji biex ikunu parti mill-Kunsill Konsultattiv dwar l-awtiżmu,
- dan il-grupp jaħdem ukoll ma' organizzazzjonijiet oħra li jeżistu diġà.



Ser inkomplu norganizzaw laqgħa kull sena ma' dawk li jipprovdu servizzi biex:

- nitkellmu dwar il-bżonn tas-servizzi tagħhom,
- naraw ix-xogħol li jagħmlu u l-għajnuna li qegħdin jagħtu,
- inkomplu nitkellmu magħhom ta' spiss.



Ser naħdmu u nitkellmu ma' organizzazzjonijiet oħra biex naraw x'inhuma l-bżonnijiet u d-diffikultajiet li hawn f'postijiet differenti f'Malta, speċjalment f'Għawdex.



Ser naħdmu wkoll ma' għaqdiet volontarji u organizzazzjonijiet ta' studenti u żgħażagħ, inkluż il-KNŻ – il Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, biex dawn:

- jaħdmu aktar għal persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u għall-inklużjoni, inkluż bħala mexxejja f'dawn l-għaqdiet.



Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ huwa grupp li jiġbor fih żgħażagħ minn ħafna għaqdiet differenti f'Malta, sabiex jitkellmu dwar u jaħdmu fuq affarijiet li huma importanti għaż-żgħażagħ f'Malta.

Ser naħdmu aktar mal-iskejjel u postijiet li jipprovdu edukazzjoni, biex dawn joffru tagħlim dwar l-awtiżmu u biex persuna ssemma' leħinha.

## 6. L-AWTIŻMU U L-ADULTI

Ser naħdmu ma' adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, permezz tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu, biex:



- inkomplu naraw x'inhuma l-bżonnijiet u d-diffikultajiet li għandhom l-adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, u għalfejn dawn l-adulti jħossu l-bżonn li jaħbu li huma fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu,
- inżidu aktar it-tagħlim biex inkunu nafu aktar dwar l-awtiżmu u nħossuna aktar aċċettati u inklużi,
- noħolqu opportunitajiet għall-adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu sabiex ikunu jistgħu jieħdu gost u jaħdmu flimkien, inkluż billi jagħmlu grupp apposta sabiex jagħmlu hekk,
- nitkellmu ma' persuni jew organizzazzjonijiet oħra, biex ikunu jistgħu jagħtu l-għajnuna tagħhom.



Ser ninvolvu lill-familji, lill-aħwa u lil persuni oħrajn qrib ta' adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, biex dawn ikunu jistgħu jgħinuhom aktar.

Ser nagħtu t-tagħlim lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u dawk li joffru servizzi fuq:



- Xogħol,
- Li tkun tista' tgħix fil-komunità minflok fi djar għal persuni b'diżabilità,
- Għajnuna fis-soċjetà,
- Kura tas-saħħa,
- Edukazzjoni,
- Divertiment u postijiet ta' Kultura (eżempju mużewijiet),
- Organizzazzjonijiet volontarji (mhux tal-Gvern),
- Sport,
- Ġustizzja (eżempju l-Qorti) u infurzar tal-liġi (eżempju Pulizija).



Ser nitkellmu ma' adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu u dawk viċin tagħhom, dwar liġijiet li hemm bżonn li jinbidlu, biex:

- adulti fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu jitħallew jieħdu deċiżjonijiet dwar ħajjithom, kif tgħid il-liġi,
- ikollhom l-appoġġ meħtieġ, inkluż l-għajnuna ta' persuni li jafdaw, fejn huma jkollhom bżonn.



Ser naħdmu biex nagħmlu ċert li l-adulti fuq il-firxa wiesgħa tal-awtiżmu:

- ikollhom id-dritt li jesploraw u jesprimu s-sesswalità tagħhom,
- ikollhom id-dritt li jagħmlu l-għażliet dwar ir-relazzjonijiet u s-saħħa sesswali tagħhom.
- ma jiġux mogħtija bilfors kontraċezzjoni (eżempju pilloli) biex ma jkollokx tfal, jekk huma ma jkunux iridu,
- ma jkunux sfurzati li jagħmlu affarijiet bħal pereżempju operazzjoni, li jagħmlulhom il-ħsara jew li jwasslu biex ma jkunx jista' jkollhom tfal,
- li jkollhom id-dritt li jkollhom familja u jkunu ġenituri,
- li jkollhom edukazzjoni fuq is-sesswalità li tkun tajba għall-età tagħhom, inkluż dwar meta persuna għandha tgħid le, u kif tkun tista' tifhem aħjar ir-reazzjonijiet ta' ħaddieħor.





Ser naħdmu biex ikun hemm aktar għajnuna għall-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu meta jkollhom bidla (eżempju minn skola għal oħra, minn servizz għal ieħor).



Ser nibdew nitkellmu wkoll fuq persuni anzjani u l-awtiżmu, ma' dawk li jaħdmu fil-qasam ta' awtiżmu kemm f'Malta u barra minn Malta.



Ser naħdmu biex inkunu ċerti li fix-xogħol tagħna jkun hemm inklużjoni għal nisa, irġiel jew oħrajn.

## 7. IL-KUNSILL KONSULTATTIV DWAR L-AWTIŻMU



Il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu se jkompli jaħdem fuq dan li hawn miktub f'dan id-dokument:

- flimkien mad-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità (DDI), biex naraw u niċċekkjaw li dak li hemm miktub f'dan id-dokument isir,
- se nitkellmu wkoll mal-Gvern biex isir dan li hawn miktub fid-dokument, u kif il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu jista' jaħdem aħjar, inkluż billi tinbidel il-liġi.